**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Mario Haber)**

**Vs**

**Jonathan Buttigieg**

Illum, 4 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jonathan Buttigieg, ta' 44 sena, ta' nazzjonalita' Maltija, iben Joseph u Pauline nee' Galea, imwieled f'Tas-Sliema, fit-2 ta' Dicembru 1969, residenti 4, Triq il-Bajja tas-Salina, Naxxar, detentur ta' karta tal-identita' Maltija 0481769(M).

Talli fit-13 ta' Ottubru 2014 u matul l-ahhar jiem f'dawn il-gzejjer impjega jew ta xoghol lil persuni li ma kienux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol skont id-disposizzjonjiet tal-Att tal-Immigrazzjoni tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet

ta' Malta, jewb'mod iehor ghen jew assista persuni ezenti fl-ghemil ta' reat mahsub taht l-artikolu 32 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukolli talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bhala l-persuna responsabbli tax-xoghol li kien qed isir gewwa l-Maghtab Land Fill gewwa Bahar ic-Caghaq, impjega persuni li ma kienux cittadini ta' Malta meta dawn il-persuna ma kellhomx permess validu u ufficjali.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi bhala l-principal, jew il-persuna li impjegat persuni ohra, full time, part time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b'dan l-impieg kif hemm stabbilit fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a sa 10).

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-13 ta' Ottubru 2014 saret spezzjoni mill-pulizija gewwa l-Maghtab Environmental Complex u nstabu erba' Marokkini jahdmu hemmhekk. Dawn il-persuni kienu ilhom Malta ghal madwar sitt snin u kienu jahdmu regolarment bil-permessi necessarji mal-kumpanija T.G.S Co Ltd. L-imputat li huwa direttur kummercjali ta' Vassallo Builders Ltd fl-istqarrija rilaxxjata minnu spjega li dawn l-erba' Marokkini kellhom xi diffikulta mal-kumpanija T.G.S Co Ltd u bejn Mejju u Gunju marru ghand il-kumpanija li maghha huwa impjegat sabiex ifittxu xoghol. L-imputat ighid li lil dawn il-persuni kienu jafuhom billi kienu sub-contracted fil-passat u kienu kuntenti b'xogholhom. Qalulhom li kienu lesti li jimpjegawhom sakemm dawn jikkancellaw il-permess minn T.G.S. Co Ltd ghal fuq Vassallo Builders u offrewlhom li jghinuhom fil-process. Ghall-habta ta' Lulju marru

jkellmuhom u qalulhom li kienu kkancellaw il-permess u bdew jassistuhom biex japplikaw f'isem Vassallo Builders. Wara ftit gimghat avvicinawh biex sakemm jinhargilhom il-permess finali jistghux jibdew jahdmu maghhom peress li ma kellhomx dhul finanzjarju. Wara li l-imputat ighid li ccekja li l-process beda ddecieda li jistghu jidhlu ghax-xoghol. Huwa applika ghal permess tax-xoghol ghal dawn il-Marokkini fil-bidu ta' Awwissu.

L-erba' persuni ta' nazzjonalita' Marokkina ma xehdux f'dawn il-proceduri sabiex ma jinkriminawx ruhhom.

Mix-xhieda[1] ta' Joseph Saliba, rapprezentant tal-ETC, jirrizulta mid-dokumenti ezebiti li tlieta minn dawn il-persuni ossia Ali Kartass, Mohamed Souhayle u Abdellah Ichambrahen li huma gew impjegati ma' Vassallo Builders Ltd fl-1 ta' Settembru 2014 u fl-24 ta' Settembru 2014 fil-kaz tal-ahhar zewg persuni. Inkwantu ghar-raba' persuna Omar Amensag ma rrizultax li kellu l-permess ghax-xoghol.

Meta imbaghad xehed Ryan Spagnol[2], Senior Manager Department of Citizenship and Expatriate Affairs, spjega li fit-13 ta' Ottubru 2014 l-applikazzjoni tal-persuni fuq indikati kienet ghadha pendenti. Huwa spjega li minn Lulju 2014 il-process li permezz tieghu Third Country National japplika ghal xoghol u residenza sar wiehed. L-applikazzjoni tigi sottomessa lil Identity Malta. Minn Identity Malta tmur ghall-approvazzjoni kemm tal-Ufficcju tal-Immigrazzjoni kif ukoll ETC. Qabel ma jkun hemm rakkomandazzjoni favorevoli minn dawn iz-zewg entitajiet ma jistax jinhareg il-permess li issa qieghed jiehu forma ta' card wahda.

L-applikazzjoni li saret minn Vassallo Builders giet approvata u harget back-dated.

Illi d-difiza ssottomettiet li l-imputat qieghed jigi akkuzat f'ismu personali u mhux qieghed jigi akkuzat vikarjament. Harsa lejn ic-citazzjoni huwa minnu li l-imputat tharrek b'ismu biss minghajr ebda

[1] 20 ta' April 2015
[2] 6 ta' Ottubru 2015

indikazzjoni ohra. Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Pillow**[3] fejn inghad:

"Kif gja gie ritenut minn din il-Qorti diversi drabi f'cirkostanzi bhal dawn ma kien hemm ebda htiega li fic-citazzjoni jinghad espressament li huwa kien qed jigi imharrek fil-vesti tieghu ta' direttur, jew manager ecc. tal-kumpanija peress li r-responsabilita' vikarja f'kazijiet bhal dawn iggib ir-responsabilita' personali u individwali ta' dak li jkun ghan-nuqqasijiet tas-socjeta'[4]. F'kazijiet bhal dawn ic-citazzjoni hi gja kompluta u valida jekk issejjah biss lid-direttur jew ufficjal iehor skont il-ligi anki minghajr riferenza ghas-socjeta' in kwistjoni. Ghalhekk, l-izball fl-isem tas-socjeta' li taghha l-imputat kien direttur ma jimporta ebda konsegwenza legali fuq dak li bih gie imputat l-appellant u cioe' responsabilita' vikaria ghall-eghmil ta' socjeta' li taghha kien direttur. Ic-citazzjoni, kif ripetutament ritenut minn din il-Qorti, hi semplicement *avviso a comparire* u hu bizzejjed li jkun fiha dettalji ta' zmien, post , hin u partikolaritajiet tal-imputat biex hu jkun jista' jifhem ta' xhiex qed jigi akkuzat[5]. Fil-kaz ta' llum ic-citazzjoni hi konformi ma' dak rikjest bl-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali u d-dettal, mhux mehtieg, tas-socjeta' li taghha kien direttur l-imputat ma zzid jew tnaqqas xejn mill-validita' tad-citazzjoni. L-appellant kien jaf ben tajjeb li kienet qieghedha tigi imputata lilu responsabilita' vikaria in virtu' tal-kwalita' tieghu ta' direttur ta' socjeta' kummercjali[6]. Kien jaf ben tajjeb, kif jirrizulta mir-rikors tal-appell stess tieghu, ta' liema socjeta' huwa kien direttur fiz-zmien relevanti, u di fatti f'din l-istanza anki pprezenta prova li huwa -- u kien, fiz-zmien relevanti --- id-direttur uniku tas-socjeta' relevanti. Ghalhekk, dan l-aggravju wkoll qieghed jigi respint."

F'dan il-kaz izda l-ufficjal prosekutur in kontro-ezami, fuq domanda specifika, xehed li harrek lill-imputat biss f'ismu personali. Ghalhekk il-Qorti fehmet b'din id-dikjarazzjoni li l-prosekuzzjoni ma hiex qeghda takkuza lill-imputat bir-responsabilita' vikarja. Mill-atti pero' rrizulta li

[3] Qorti tal-Appell Kriminali deciza fit-18 ta' Novembru 2011

[4] Ara Appelli Inf P v Joseph Bonnici, 26/5/1995; P v Carmel Camilleri, 5/11/2004; P v Joseph Vella, 2/02/2006

[5] Ara *inter alia* App Inf P v Joseph Vella, *supra*

[6] Ara artikolu 13 tal-Kap 249

l-imputat fl-ebda moment ma agixxa f'ismu personali izda dejjem ghan-nom tal-kumpanija li huwa mpjegat maghha.

Ladarba l-Qorti waslet ghal tali konkluzjoni ma tqisx li huwa necessarju tidhol fil-mertu tal-imputazzjonijiet addebitati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat